24 ta' Jannar 2015
12/2015

# POSTIJIET GHAT-TFAL FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA FIT-TIENI SENA KINDERGARTEN

Fis-26 u s-27 ta' Jannar u fit-2 ta' Frar ser jintlaqgħu l-applikazzjonijiet tat-tielet kriterju "Applikanti Oħra" għat-tieni sena kindergarten għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika 2015-2016. Aktar dettalji jinsabu fir-Regolamenti tad-Dħul li jinsabu fuq il-websajt tal-Knisja f'Malta.

F'Novembru 2014 saru l-applikazzjonijiet skont l-ewwel kriterju għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw skont l-ewwel kriterju u kemm baqa' postijiet vakanti għat-tieni sena kindergarten.

## It-Tieni Sena Kindergarten Subien

It-total ta' postijiet vakanti għat-tieni sena kindergarten subien huwa ta' mija wieħed u tletin (131) post.

Għat-tieni sena kindergarten subien kellna dan it-total ta' applikanti:

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---|
| *1b Aħwa* | 23 |
| *1ċ Tfal ta' Impjegati fi skejjel tal-Knisja* | 3 |
| *Tfal tal-ewwel kriterju li applikaw bħala Każijiet Serji* | 4 |
| *Każijiet Serji Refuġjati* | 2 |
| *Total ta' applikanti tal-ewwel kriterju subien* | 32 |

Żewġ applikanti talbu trasferiment bejn skejjel tal-istess kongregazzjoni, Kriterju 1d, u dawn ma tnaqqsux mit-total ta' postijiet vakanti għaliex filwaqt li se jokkupaw post fi skola, iħallu post vakant fl-iskola fejn jattendu. Mal-postijiet okkupati qed jiġu riżervati żewġ postijiet għal tfal li meta huma jew il-ġenituri tagħhom ġew Malta applikaw għall-ażil (refuġjati). Meta nnaqqsu t-total ta' postijiet okkupati (32) mit-total ta' postijiet vakanti (131), dan iħalli total ta' disgħa u disgħin (99) post vakant.

Infakkru li jiġu aċċettati xi każijiet serji skont it-tielet kriterju, għalhekk it-total ta' postijiet vakanti jerġa' jonqos. Ukoll fost l-applikanti oħra jkun hemm aħwa li qed japplikaw għall-istess sena (p.eż tewmin) jew għal snin tad-dħul differenti (Para. 3.1). Meta wieħed minn dawn l-aħwa jirreġistra fi skola, iż-żgħir/a j/tikkwalifika skont il-Kriterju tal-Aħwa. Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jerġa' jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

**It-Tieni Sena Kindergarten Bniet**

It-total ta' postijiet vakanti għat-tieni sena kindergarten bniet huwa ta' mitejn ħamsa u disgħin (295) post.

Għat-tieni sena kindergarten bniet kellna dan it-total ta' applikanti:

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---|
| *1b Aħwa* | 87 |
| *1ċ Tfal ta' Impjegati fi skejjel tal-Knisja* | 15 |
| *1e Eżenzjoni f'każijiet serji ta' żmien barra minn Malta* | 1 |
| *Tfal tal-ewwel kriterju li applikaw bħala Każijiet Serji* | 3 |
| *Każijiet Serji Refuġjati* | 5 |
| *Total ta' applikanti tal-ewwel kriterju bniet* | 111 |

Sitt applikanti talbu trasferiment bejn skejjel tal-istess kongregazzjoni, Kriterju 1d. Għalhekk it-total ta' postijiet okkupati minnhom ma jitnaqqasx mit-total ta' postijiet vakanti għaliex filwaqt li dawn se jokkupaw post fi skola, iħallu post vakant fl-iskola fejn jattendu. Mal-postijiet okkupati qed jiġu riżervati ħames postijiet għal tfal li meta huma jew il-ġenituri tagħhom ġew Malta applikaw għall-ażil (refuġjati). Meta nnaqqsu n-numru ta' postijiet okkupati (111) mit-total ta' postijiet vakanti (295), dan iħalli total ta' mija, erbgħa u tmenin (184) post vakant.

Infakkru li jiġu aċċettati xi każijiet serji skont it-tielet kriterju, għalhekk it-total ta' postijiet vakanti jerġa' jonqos. Ukoll fost l-applikanti oħra jkun hemm aħwa li qed japplikaw għall-istess sena (p.eż tewmin) jew għal snin tad-dħul differenti (Para. 3.1). Meta waħda minn dawn l-aħwa tirreġistra fi skola, iż-żgħir/a j/tikkwalifika skont il-Kriterju tal-Aħwa. Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jerġa' jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

**Konklużjoni**

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom. Fi ftit każijiet għad jonqos xi dokumentazzjoni li għad trid tiġi preżentata. Għalhekk jista' jirriżulta xi tibdil fin-numri ta' postijiet vakanti. Jekk jiġri dan il-Bord tad-Dħul jinforma lil dawk kollha konċernati.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**